MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 824/2008

**Stephanie Dalli, detentrici tal-karta tal-identita` numru 307187M.**

**vs**

**a) Dr. Valerie Sollars, fil-kapacita` taghha bhala d-Dean tal-Fakulta` tal-Edukazzjoni;**

**b) Dr. Elena Tanti Burlo`, fil-kapacita` taghha bhala l-Principal tad-Dipartiment tal-Psikologija;**

**c) Registrar tal-Universita` ta' Malta;**

**d) Prof. Juanito Camilleri, fil-kapacita` tieghu bhala r-Rettur tal-Universita` ta' Malta;**

**e) Il-Bord tad-Dixxiplina tal-Fakulta` tal-Edukazzjoni;**

**u**

**f) l-Bord tal-Dixxiplina tal-Ezamijiet tal-Universita` ta' Malta.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Stephanie Dalli datat 13 ta' Awwissu 2008 a fol. 1 tal-process fejn gie esponiet:-

Illi r-rikorrenti ilha ghal dawn l-ahhar tliet snin tiffrekwenta u tattendi l-kors tal-Psikologija li jwassal ghad-*degree* maghruf bhala Bachelor of Psychology (Honours) taht il-patrocinju tal-Fakulta` tal-Edukazzjoni li tali kors applikat ghalih fil-bidu tas-sena universatarja 2005/06;

Illi r-rikorrenti llum tinsab fit-tielet sena tal-imsemmi kors u matul l-ewwel sentejn qatt ma kellha problemi jew intoppi akkademiku matul l-andament tal-istudju taghha, tant illi l-perkors akkademiku u r-rizultati li ottjeniet kienu dejjem pozittivi u rispettabbli, kif ser jigi ppruvat matul l-andament ta' dawn il-proceduri;

Illi matul l-ahhar semester tat-tielet sena tal-kors taghha, bhala parti mill-curriculum akkademiku taghha tal-imsemmi kors hija kellha bilfors taghmel il-*compulsory credit* bl-isem ta' '*Symposia in Psychology*' (PSY 3631) li ghalih kellha tinghaqad ma' numru ta' studenti ohrajn sabiex flimkien ikunu jistghu jikkompletaw ir-rekwiziti ta' dan il-*credit* u cioe` tliet *assignments* u l-*presentations* rispettivi ghal kull wiehed minn dawn it-tlieta, flimkien mar-*written examination* li jinkorpora evalwazzjoni tar-ricerka li tkun saret f'tali tliet *assignments*;

Illi bhala studenti li nghaqdu maghha fil-*group* kien hemm Maria Camilleri, detentrici tal-karta tal-identita` numru 306587 (M), Christina Pace, detentrici tal-karta tal-

identita` numru 522087 (M), Roderick Spiteri, detentur tal-karta tal-identita` numru 265487 (M) u Nowell Zammit, detentur tal-karta tal-identita` numru 127686 (M);

Illi kull wiehed minnhom skont ftehim verbali u konsenswali li sar bejniethom kellu l-kompitu li jirricerka u jaghmel *write-up* originali bil-miktub skont is-suggett li kull *assignment* kien jirrikjedi flimkien mar-riferenzi li minnhom tkun saret ir-ricerka. Infatti dan ix-xoghol sar minn kull membru f' dan il-*group* u r-rikorrenti ghad-differenza tal-ohrajn kienet partecipi f'kull *assignment* billi ghamelt *write-up* originali taghha ghal kull wiehed skont dak li rricerkat fuqu;

Illi minghajr ebda konsultazzjoni mal-membri l-ohra, l-imsemmi Roderick Spiteri mar minn jeddu fuq il-Principal tad-Dipartiment tal-Psikologija Dr. Elena Tanti Burlo` u allega li dar plagjarizmu fix-xoghlijiet prezentati lilu mill-membri l-ohra fosthom ir-rikorrenti Stephanie Dalli f' wiehed mit-tliet *assignments*, u minn dakinhar 'il quddiem il-Principal tal-imsemmi Dipartiment flimkien mal-insenjanti l-ohrajn li jaghmlu parti mis-'*Symposia in Psychology'* (PSY 3631) sal-gurnata tallum qatt ma taw l-opportunita` adegwata lir-rikorrenti sabiex taghti l-verzjoni tal-fatti taghha, tiddefendi ruhha u tispjega b'mod car il-pozizzjoni taghha skont il-provi li allegatament giet misjuba hatja ta' Plagjarizmu fuqhom;

Illi *nonostante* dan kollu, l-intimati jew min minnhom, fuq il-pretiza li kienu ser jikkonsultaw mal-membri l-ohra tal-grupp fosthom ukoll mar-rikorrenti, billi ssir laqgha ta' diskussjoni informali fuq dak li gara biex ikunu jistghu jifhmu ahjar is-sitwazzjoni ta' dak li gie allegat da parti ta' Roderick Spiteri, fil-15 ta' Lulju 2008 minghajr ebda pre-avviz bil-miktub ghal dan, jew notifika adegwata permezz ta' tahrika formali li telenka fid-dettal l-akkuzi li kienu qed isiru kontra taghha, ikkostitwew Bord tad-Dixxiplina tal-Fakulta` tal-Edukazzjoni u minghajr ma nfurmaw lir-rikorrenti x'kien ser jigri ezatt, resquha ghall-gharrieda quddiem l-imsemmi Bord minghajr ma saret evalwazzjoni fis-sentenza tal-akkuza ta' Plagjarezmu, minghajr ma qatt intwera fid-dawl tal-proceduri l-oggett li fuqu l-intimati jew

min minnhom kienu qed iressqu l-kontenzjonijiet jew l-akkuzi taghhom, u li matul il-proceduri tal-Bord sar minn kollox sabiex ir-rikorrenti tigi intimidata biex tammetti minghajr ma’ gie kkoncedut lilha d-dritt li tiddefendi ruhha kif inhu gust u legali skont ir-Regolamenti tal-kondotta fl-Ezamijiet (immarkat bhala Dok “B” u anness ma’ dan ir-rikors guramentat), kif ser jigi gustament ippruvat f’ dawn il-proceduri;

Illi fil-21 ta’ Lulju 2008, li kienet l-unika darba li r-rikorrenti giet avzata b’mod formali kif tirrikjedi l-procedura legali, hija rceviet ittra (immarkata bhala Dok “A” u annessa ma’ dan ir-rikors guramentat) mill-Universita` ta’ Malta, iffirmata ghan-nom tar-Registrar Anthony Gellel li permezz taghha giet infurmata li hemm qbil bejn il-Bord tad-Dixxiplina tal-Ezamijiet tal-Universita` ta’ Malta u l-Bord tad-Dixxiplina tal-Fakulta` tal-Edukazzjoni li hija kkommettiet ksur tar-Regolamenti rigwardanti l-Kondotta fl-Ezamijiet billi ghamlet Plagjarizmu f’wiehed mill-*assignaments* tal-*credit* bl-isem ta’ ‘*Symposia in Psychology’* (PSY 3631) flimkien ma’ studenti ohrajn u dan *nonostente* wkoll li thalliet taghmel ir-*written examination* tal-istess *credit* li minhabba tali decizjoni ingustament ukoll l-ietss Bordijiet iddecidew li jtuha (*F-failed*) *mark*;

Illi b’tali agir da perit tal-intimati jew min minnhom, ir-rikorrenti thossha serjament aggravata u ddiskriminata ghal mod kif fuq semplici allegazzjoni da parti ta’ min kien involut maghha fil-*group work* tal-imsemmi *assignemnt*, giet evalwata l-pozizzjoni taghha; a) minghajr ma inizzjalment giet innotifikata formalment bl-akkuza li kienet qed tingieb kontra taghha qabel tressqet ghall-gharrieda quddiem il-Bord tad-Dixxiplina tal-Fakulta` tal-Edukazzjoni jew il-Bord tad-Dixxiplina tal-Ezamijiet tal-Universita` ta’ Malta; b) minghajr ma nghata ic-cans li tiddefendi sew lilha nnifisha; c) minghajr ma gie muri lilha kemm qabel kif ukoll matul il-proceduri tal-Bord li saru fil-konfront tar-rikorrenti, l-kontenut tal-kliem li fuqu qed tigi bbazata l-akkuza ta’ Plagjarizmu sabiex tkun tista’ tirrispondi sew ghal tali akkuzi u ttella’ x-xhieda kollha necessarja biex tikkontrobatti dak li ghalih tressqet ghall-gharrieda, skont

dak li hu bi dritt tar-rikorrenti taht l-**artikolu 7** tar-Regolametni li fuqhom giet ibbazata s-sentenza tal-intimati jew min minnhom.

Illi minhabba din l-istess sitwazzjoni li llum giet ikkrejata versu l-imsemmija rikorrenti, hija tinsab prekluza milli tiggradwa flimkien mal-membri l-ohra tal-kors taghha, u dan qed jikkreja dannu psikologiku u materjali ghall-karriera futura taghha, u ghall-istudji li hija ntenzjonata li tapplika ghalihom ukoll fis-sena akkademika 2008/09.

Illi ghalhekk l-istess rikorenti talbet lill-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Thassar u tannulla, d-decizjoni tal-15 ta' Lulju 2008 tal-Bord tal-Ezamijiet tad-Dixxiplina tal-Universita` ta' Malta u l-Bord tad-Dixxiplina tal-Fakulta` tal-Edukazzjoni li permezz taghha r-rikorrenti Stephanie Dalli, detentrici tal-karta tal-identita` numru 307187 M giet misjuba li kkommettiet Plagjarizmu u li biha giet ukoll immultata is-somma ta' €50, u dan *stante* li sar ksur fil-konfront tad-drittijiet tal-imsemmija skont id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 469A (1) (b) (ii) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** kif ukoll kategorikament tal-**artikolu numru 7** tal-***bye-law* rigwardanti r-Regolamenti tal-Kondotta fl-Ezamijiet** (immarkat bhala Dok "B" u anness ma' dan ir-rikors guramentat) li fuqhom ttiehdet tali decizjoni;

2. Tordna subordinatament, prevja d-dikjarazzjoni li gew lesi d-drittijiet tal-imsemmija rikorrenti *ai termini* tal-**artikolu 469A (1) (b) (ii) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u tal-**artikolu numru 7** tal-***bye-law* rigward ir-Regolamenti tal-Kondotta fl-Ezamijiet,** li r-rikorrenti ghandha tinghata l-opportunita` da parti tal-intimati jew min minnhom li tigi aggudikata kif inhu xieraq, gust, u legali skont ix-xoghol li hija pprezentat lid-Dipartiment tal-Psikologija senjatament ghal dak li jirrigwarda l-kontribut taghha fl-*assignement* bl-isem ta' '*Symposia in Psychology'* (PSY 3631), billi jigi kkostitwit Bord indipendenti u imparzjali, li jisma' b'gustizzja l-posizzjoni tar-rikorrenti u li jtiha bi dritt ic-cans li tiddefendi ruhha u tevalwa bir-reqqa l-oggett li fuqu qed tigi akkuzata

permezz ukoll tal-assistent legali taghha u ttella’ x-xhieda mehtiega li johorgu fid-dawl tal-proceduri l-verita` ta’ dak li fuqu qed tigi akkuzata, u dan kollu, fi zmien qasir u perentorju tenut kont li hija ser tiggradwa fix-xahar ta’ Novembru 2008;

3. Tillikwida d-danni kollha sofferit mir-rikorrenti kif ukoll dawk li tista’ ssofri, jekk ikun il-kaz ukoll anke permezz ta’ periti nominandi ghal dan l-iskop, minhabba l-mod ingust kif l-intimati jew min minnhom wasslu ghal tali decizjoni u aggixxew fil-konfront tar-rikorrenti

4. Tordna u tikkundanna lill-intimati *in solidum* ihallsu s-somma hekk likwidata *in linea* ta’ danni fi zmien qasir u perentorju.

Bl-ispejjez tal-prezenti kif ukoll tal-protest gudizzjarju numru 358/08 tal-25 ta’ Lulju 2008 u bl-imghaxijiet legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 6 sa fol 10 tal-process;

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-8 ta’ Ottubru 2008.

Rat ir-risposta guramentata tar-Rettur ghan-nom u in rapprezentanza tal-Universita` ta’ Malta datata 15 ta’ Settembru 2008 a fol 117 tal-process fejn espona illi:-

1. Preliminarjament ir-Rettur biss, bhala tali, huwa l-legittimu kontradittur *in vista* tal-fatt illi huwa l-unika rapprezentant legali tal-Universita` ta' Malta kif stipulat fl-**artikolu 74 sub-artikolu 11 tal-Kapitolu 327 tal-Ligijiet ta' Malta**. Ghalhekk l-intimati l-ohra kollha mhumiex legittimi kuntradittur, u konsegwentement it-talba sabiex jigu likwidati d-danni u jithallsu *in solidum* minnhom qatt ma' tista' tigi akkolta;

2. *In linea* preliminari it-talbiet tar-rikorrent huma insostenibbli peress illi l-**artikolu 469 A (1) (b) (ii)** ma

jistax jigi nvokat *stante* illi d-decizjonijiet impunjati ma jikkostitwixxux att amministrattiv ;

3. Ukoll preliminarjament it-talbiet tar-rikorrent huma insostenibbli peress illi l-**artikolu 469 A (1) (b) (ii)** ma jistax jigi nvokat *stante* illi d-decizjonijiet impunjati ma gewx mehuda minn awtorita` pubblika kif rikjest mil-Ligi;

4. Preliminarjament ukoll ir-rikorrenti qieghda titlob, *inter alia*, illi "*jigi kostitwit bord indipendenti u imparzjali li jisma' b'gustizzja l-pozizzjoni tar-rikorrenti*." Il-lanjanzi taghha ghalhekk huma ta' natura u ta' indoli kostituzzjonali. Dan ghaliex jezorbitaw r-regoli tal-gustizzja naturali ikkontemplati fl-**artikolu 469 A (1) (b) (ii),** u cjoe` l-*audi alterant partem* u n-*nemo index in causa* propria. Ghaldaqstant *semmai* l-kawza imissha giet intavolata f'qorti kostituzzjonali ghaliex din l-Onorabbli Qorti Civili ma' ghandhiex gurizdizzjoni sabiex tikkostitwixxi bord indipendenti u imparzjali, kif mitlub mir-rikorrent;

5. Fi kwalsiasi kaz il-Ligi appositament takkorda diskrezzjonijiet partikolari u specifika lill-Universita' ta' Malta f'kwistjonijiet relatati ma' l-ghoti ta' *credits* u/jew *degrees*;

6. Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt. Ir-rikorrenti instabet hatja li kkommettiet plagjarizmu u dan bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-**Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur, Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta,** u ghaldaqstant giet immultata penali ta' €50 u inghatat il-marka ta' *failure/zero* (F/0);

7. Ir-rikorrenti, flimkien mal-istudenti l-ohra li gew akkuzati u li nstabu hatja ta' plagjarizmu, ilkoll ammettew u accettaw responsabbilta` ghal dawk il-partijiet tal-*assignment* li kienu ghamlu flimkien;

8. Kienu diversi drabi fejn il-*lecturers* wissew u gibdu l-attenzjoni tal-istudenti kollha ta' dan l-i*study unit* fuq x'jikkonsisti plagjarizmu u l-konsegwenzi ta' dan;

9. Ir-rikorrenti, flimkien mal-istudenti l-ohra, inghatat l-opportunita` illi tirranga x-xoghol in kwistjoni sabiex tirregola l-pozizzjoni taghha qabel id-data ta' sottomissjoni tal-*assignment*;

10. L-intimat jirrispingi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti kontenuti fir-rikors. Dan peress illi jirrizulta b'mod konkret mill-provi disponibbli u kif ukoll minn dokumenti li jinsabu fil-pussess tal-akkademici illi sar ezercizzju ta' kkupjar kelma b'kelma minn fuq xoghlijiet ippublikati fuq siti elettronici;

11. Il-Bord tad-dixxiplina kien kompost *ai termini* tar-**Regolament 5 tal-Avviz Legali 171 tal-1997**. Ghaldaqstant il-Bord kien regolarment kompost u ezercita d-diskrezzjoni f'data lilu mil-Ligi;

12. Mhuwiex veritier illi r-rikorrenti tinsab prekluza milli tiggradwa flimkien mal-membri l-ohra tal-kors taghha f'Novembru 2008 u dan peress illi hija inghatat l-opportunita` illi terga' taghmel *de novo* t-tliet *assignments* flimkien mal-ezami finali.

Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti kollha ghandhom jigu michuda bl-ispjejjez kollha kontra r-rikorrenti.

13. Salv Riposta/i ulterjuri permessi mil-ligi.

Rat in-nota tal-Universita` ta' Malta li permezz taghha esebiet l-affidavits taghha, datata 23 ta' Settembru 2008 a fol. 13 sa fol. 110 tal-process.

Rat in-nota tar-rikorrenti Stephanie Dalli datata 8 ta' Ottubru 2008 a fol. 125 tal-process li biha pprezentat l-affidavit.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti Stephanie Dalli pprezentata fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2009 a fol. 264 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet risponsiva tar-Rettur ghan-nom u in rapprezentanza tal-Universita` ta' Malta, datata 2 ta' Marzu 2009 a fol. 271 tal-process.

Rat il-verbali kollha mizmuma quddiem il-Qorti hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-2 ta' April 2009 id-difensuri tal-partijiet rrimittew ruhhom ghall-provi u l-kawza giet differita ghall-20 ta' Ottubru 2009 ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha pprezentati u d-digrieti realttivi taghhom.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn il-Qorti qeghda tintalab tistharreg ghemil amministrattiv skont id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**. Permezz ta' din il-kawza r-rikorrenti qeghda titlob lil din il-Qorti thassar u tannulla d-decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina tal-Universita` ta' Malta u l-Bord ta' Dixxiplina tal-Fakulta` tal-Edukazzjoni mghotija fil-15 ta' Lulju 2008 u dan peress illi ssostni illi l-decizjoni tal-intimati kienet att *ultra vires* u ghalhekk kontra d-dispost ta' l-**artikolu 469A (1) (b)**. Issostni illi l-intimati naqsu milli josservaw il-principji tal-gustizzja naturali u l-htigijiet procedurali li kien marbut bihom il-Bord ta' Dixxiplina u ghalhekk kontra wkoll ir-**Regolamenti tal-Kondotta fl-Ezamijiet (Legislazzjoni Sussidjarja 327.82) (Avviz Legali 171 tal-1997** hekk kif emendat **bl-Avviz Legali 259 tal-1998)**. Ir-rikorrenti qeghda wkoll titlob illi hija tigi aggudikata mill-gdid minn bord imparzjali u indipendenti. Fl-ahharnett qed titlob ukoll sabiex jigu likwidati d-danni sofferti minnha b'kawza tad-decizjoni hawn imsemmija.

Illi da parti taghhom l-intimati qeghdin jikkontestaw it-talbiet rikorrenti principarjament fuq il-bazi illi r-rikorrenti

nstabet hatja li kkommettiet plagerizmu u dan bi ksur ta' l-**Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur – Kap. 415 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghalhekk giet immultata. L-intimat qeghdin ilkoll iressqu numru ta' eccezzjonijiet li ser jigu trattati iktar 'l isfel.

Illi pero` qabel, il-Qorti ser tghaddi biex telenka l-fatti principali hekk kif esposti permezz tal-provi imressqa. Jirrizultaw il-fatti segwenti:

Illi r-rikorrenti hija studenta fil-kors li jwassal ghall-grad ta' Bacellerat fil-psikologija taht il-Fakulta` tal-Edukazzjoni fl-Universita` ta' Malta. Illi fl-ahhar semestru tal-ahhar sena, ir-rikorrenti bhala parti mill-kurrikulu akkademiku kellha tikkompleta *compulsory credit* bl-isem ta' *"Symposia in Psychology"* li kien jitlob li jigu pprezentati tliet *assignments* bil-prezentazzjoni rispettiva ghal kull wiehed kif ukoll ezami finali.

Illi jirrizulta illi l-*assignments* u l-prezentazzjoni kellhom isiru fi gruppi ta' studenti u mhux b'mod individwali. Jirrizulta mix-xhieda kemm tar-rikorrenti stess kif ukoll minn dik ta' l-istudenti l-ohra fl-istess grupp illi x-xoghol ta' l-*assigments* tqassam bejn il-grupp li kienet fih ir-rikorrenti. Dan il-grupp kien jikkonsisti f'Maria Camilleri, Christina Pace, Roderick Spiteri, Nowell Zammit u r-rikorrrenti.

Illi jirrizulta li Roderick Spiteri, student fil-grupp tar-rikorrenti allega ma' Dr. Helena Tanti Burlo`, il-Principal tad-Dipartiment tal-Psikologija, li ix-xoghol preparat mir-rikorrenti (u xi studenti ohra fl-istess grupp) kien ikkupjat. Tali allegazzjoni giet dejjem michuda mir-rikorrenti ghalkemm dan per se jmur lill'hinn mil-kunsiderazzjonijiet ta' din il-kawza u dan peress li din il-Qorti mhux ser tiddeciedi fuq l-istess.

Illi jirrizulta li l-istess student mar ukoll u ghamel l-istess allegazzjonijiet ma' Dr. Greta Darmanin Kissaun, u jidher li ghalkemm saru tentattivi mir-rikorrenti u minn membri ohra tal-istess grupp sabiex ikollhom laqgha mal-*lecturers* anke sabiex ikunu jafu x'allegazzjonijiet saru fil-konfront taghhom, din baqghet ma saritx u jidher li saret ittra legali

mir-rikorrenti datat 16 ta’ Mejju 2008 fejn Roderick Spiteri gie intimat sabiex jirtira l-allegazzjonijiet tieghu u wkoll inqala’ xi disgwid fid-data meta kellu jsir l-*assignment* ta’ Dr. Elena Tanti Burlo’ tant li thassar u gie pospost ghall-ghada.

Illi wara r-rikorrenti irceviet semplici telefonata mis-segretarja tal-Fakulta’ tal-Edukazzjoni li biha giet informata li kienet ser issir laqgha informali mal-Lecturers tal-Fakulta’. Minflok, jirrizulta li fit-12 ta’ Gunju 2008 (Dok. “VS” – fol. 19) l-istess studenti mill-istess grupp ta’ hamsa telghu wiehed wiehed quddiem dak li gie msejjah bhala l-Bord tad-Dixxiplina tal-Fakulta’ tal-Edukazzjoni, kompost minn Dr. Mary Ann Cunen ( li kienet qed tidher flok Dr. Scicluna Calleja li kienet indisposta), minn Dr. Valerie Camilleri Sollars (Dean tal-Fakulta’ tal-Edukazzjoni li tippresjedi l-istess Bord) u Dr. Greta Darmanin Kissaun (*course co-ordinator* tas-Symposia) sabiex jirrispondu kull wiehed ghad-domandi li sarulhom. Illi jirrizulta li l-istudenti ddahhlu wiehed wiehed, b’dan li l-Bord intervista lill-istudenti b’mod individwali, u gew *inter alia* mistoqsija liema partijiet mill-*assigmen*t huma kienu rispettivament responsabbli ghalih u jinghad mill-membri tal-istess Bord li l-istess estratti tqabblu ma’ dokument li inghad li gie identifikat bhala *“the plagarised source of the assignment”* u wara sar rapport mill-istess Bord datat 16 ta’ Gunju 2009 lir-Registratur (Dok. “VS” – fol. 19) fejn gie rakkomandat illi rikorrenti u l-istudenti Maria Camilleri u Christina Pace jigu kkunsidrati bhala li wehlu fl-istess *assignment* peress li nghad li parti mix-xoghol taghhom kien *“plagiarised”.*

Illi jidher li dan il-Bord tad-Dixxiplina kien istitwiet *ad hoc* u jirrizulta li ghalkemm ma hemm l-ebda ligi jew regolament li bih huwa kostitwit u regolat l-istess Bord, din hija l-prassi fejn ikun u l-procedura tal-Universita’ fejn ikun hemm kazijijiet ta’ allegat plagarizmu fis-sens li l-ewwel dan *“jigi investigat minn Bord tad-Dixxiplina tal-Fakulta’ u wara jintbghatu r-rakkommdazzjonijiet tal-Bord flimkien ma’ l-evidenza lill-Bord tad-Dixxiplina ta’ l-Universita’”* (affidavit ta’ Dr. Valerie Camilleri Sollars datat 22 ta’ Settembru 2009); ta’ Dr. Greta Darmanin Kissaun – fol. 60

*et sequitur* u ta' Roderick Spiteri datat 22 ta' Settembru 2008 – fol. 101). Illi l-istess Bord baghat rapport lir-Registratur fis-16 ta' Gunju 2008.

Illi sussegwentment permezz ta' l-ittra tal-21 ta' Lulju 2008 (Dok. "A" a fol. 8 anness mar-rikors guramentat) mibghuta mir-Registratur tal-Universita` lir-rikorrenti, fejn hija giet infurmata illi f'laqgha illi kellu fil-15 ta' Lulju 2008, il-Bord ta' l-Ezamijiet tad-Dixxiplina tal-Universita' ta' Malta dan kien  qabel mal-Bord tad-Dixxiplina tal-Fakulta` tal-Edukazzjoni illi r-rikorrenti:-

*"… had committed a breach of the Regulations Governing Conduct at Examinations by plagiarizing the assignment you (ir-rikorrenti) submitted for PSY 3631 "Symposia in Psychology"…"*

Illi ghalhekk konsegwenti ghall-istess gie deciz illi r-rikorrenti tinghata il-marka ta' "0/F" fl-istudy unit PSY 3631 u cioe` marka insufficjenti u li kellha terga' taghmel l-*assignment* sat-3 ta' Settembru 2008 u giet wkoll immultata s-somma ta' hamsin ewro (€50.00) liema multa l-intimati qeghdin isostnu illi nghatat peress illi hija kienet kisret id-dispost tal-**Kap. 415 tal-Ligijiet ta' Malta.** Minn dan jirrizulta li l-Bord ta' l-Ezamijiet tad-Dixxiplina tal-Universita' ta' Malta, kompost fl-**Avviz Legali Numru 171 tal-1997** qatt ma sema' lir-rikorrenti u dan qaghad biss fuq ir-rapport tal-Bord tad-Dixxiplina tal-Fakolta' ta' l-Edukazzjoni (xhieda tal-Professur Alfred Vella – 13 ta' Novembru 2008)

Illi mill-provi prodotti, inkluza ix-xhieda tal-attrici u tal-intimata, jirrizulta li effettivament ir-rikorrenti qatt ma giet imressqa quddiem il- Bord ta' l-Ezamijiet tad-Dixxiplina tal-Universita' ta' Malta, li huwa l-unika Bord kostitwit permezz tal-**artikolu 5 tal-Avviz Legali Numru 171 tal-1997** (Dok. "B"), u jidher li wisq inqas l-istess Bord ma' segwa l-procedura ndikata fl-istess avviz inkluz **artikolu 6** tal-istess.

Illi jirrizulta wkoll li l-istess rikorrenti u l-istudenti l-ohra dehru biss quddiem dak li gie indikat bhala Bord ta'

Dixxiplina tal-Fakulta` ta' l-Edukazzjoni li ma jirrizultax li huwa Bord mahluq minn xi ligi jew regolament u lanqas li dan il-Bord gie mahtur mill-imsemmi Bord ta' Dixxiplina tal-Universita' ta' Malta (Examinations Disciplinary Board) izda jidher li dan il-Bord jigi appuntat mill-istess Fakolta', ghalkemm ma gie prodott l-ebda dokument ta' kif saret l-istess hatra, hlief li jirrizulta li dan il-Bord jigi kompost *ad hoc* skont il-kaz.

Illi fil-fatt jirrizulta li quddiem il-Bord ta' Dixxiplina tal-Universita' ta' Malta (Examinations Disciplinary Board) ir-rikorrenti qatt ma giet imsejjha, u wisq inqas ingiebet xi akkuza kontra taghha, jew li giet informata bl-istess akkuza, jew thalliet tressaq id-difiza taghha, jew tressaq is-sottomissjonijiet taghha, jew tressaq xi xhieda taghha, b'dan li l-procedura quddiem l-istess Bord kif indikata almenu skont l-**artikoli 6 u 7 tal-Avviz Legali 171 tal-1997** ma gew bl-ebda mod segwiti mill-istess Bord ta' Dixxiplina tal-Universita' ta' Malta (Examinations Disciplinary Board), li huwa l-unika Bord kompost mill-ligi. Jirrizulta wkoll li l-Bord tad-Dixxiplina tal-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni, li ma huwiex rikonoxxut mill-ligi u wisq inqas kompost mill-istess, ma jidhirx lanqas li osserva l-istess regolamenti tal-Kondotta fl-Ezamijiet, u l-istess rikorrenti giet imsejjha sabiex tidher quddiemu wahedha, (bhal ma sar mal-istudenti l-ohra) minghajr ma kienet lanqas taf li kien hemm akkuza quddiemha, jew minghajr ma b'xi mod, lanqas bil-miktub, ma giet notifikata b'xi forma ta' akkuza.

Illi jidher ghalhekk li d-decizjoni tal-15 ta' Lulju 2008 mill-Bord ta' Dixxiplina tal-Unversita' ta' Malta (Examinations Disciplinary Board) ttiehdet minghajr ma l-istess Bord qatt sema' lill-istess rikorrenti, u fil-fatt hija lanqas biss qatt ma giet mitluba jew interpellata sabiex tidher quddiem l-istess Bord, izda minkejja dan l-istess Bord sab lill-istess rikorrenti hatja ta' dak allegat fl-istess rapport sempliciment ghaliex dan il-Bord qaghad fuq ir-rakkomdazzjoni ta' l'hekk imsejjah Bord tad-Dixxiplina tal-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni, li minn naha tieghu qatt ma nforma lir-rikorrenti bl-akkuzi li saru fil-konfront taghha, u wisq inqas inghatat l-opportunita' li tiddefendi ruhha mill-istess. L-istess Bord ta' Dixxiplina tal-Universita' ta' Malta

(Examinations Disciplinary Board), wara li l-laqgha li sostna li zamm (dokumenti dwar l-istess ma jirrizultax li gew esebiti) wara li sab kontra r-rikorrenti u ppenalizza ghall-istess, ta l-possibilita` lill-istess rikorrenti sabiex terga' tissottometti l-*assigments* fuq bazi individwali kif ukoll li taghmel ezami fis-sajf, *re-sit*, sabiex, jekk tghaddi, tkun tista' tiggradwa fl-2008.

Illi wara li gew elenkati l-punti saljenti tal-kaz, din il-Qorti ser tghaddi sabiex titratta l-eccezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimati.

Illi permezz ta' l-ewwel eccezzjoni, l-intimati qed jeccepixxu illi f'kawza ta' din in-natura, huwa r-Rettur ta' l-Universita` illi huwa l-legittimu kuntradittur u ghalhekk l-intimati l-ohra ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju. Fil-fatt, l-**artikolu 74 (11) tal-Kap. 327 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi fost affarijiet ohra illi r-rapprezentanza legali tal-Universita` ta' Malta hija vestita fir-Rettur tal-Universita`. Dan is-sub-inciz jipprovdi wkoll illi r-Rettur ghandu jkun il-president *ex officio* tal-Bordijiet tal-Fakultajiet.

Illi dan id-dispost huwa car u ma jhalli l-ebda lok ghal interpretazzjoni dwar min huwa vestit bir-rapprezentanza ta' l-Universita` (ara **"Denise Buttigieg vs Rettur ta' l-Universita' et"** (P.A. (N.C.) – 22 ta' Dicembru 2003) u ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni hija gustifikata u ghalhekk l-intimati kollha hlief ghar-Rettur ta' l-Universita` qeghdin jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi permezz tat-tieni eccezzjoni preliminari, l-intimati jsostnu illi d-decizjonijiet impunjati ma jikkostitwux att amministrattiv u ghalhekk dawn ma jaqghux taht d-disposti ta' l-**artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi dwar dan jinghad li jidher anke mill-mod kif giet interposta t-talba tar-rikorrenti li d-decizjoni li qeghda tigi mpunjata f'din il-kawza hija dik tal-15 ta' Lulju 2008 u cioe` d-decizjoni mehuda mill-Bord ta' Dixxiplina tal-Unversita' ta' Malta (Examinations Disciplinary Board) (li qaghad fuq

id-decizjoni u/jew rakkomandazzjoni tal-Bord ta' Dixxiplina tal-Fakulta` tal-Edukazzjoni) u ghalhekk fil-kaz in ezami ma humiex qeghdin jigu mpunjati zewg decizjonijiet izda wahda u cioe` dik indikata fit-talbiet rikorrenti.

Illi l-**artikolu 469A (2)** jipprovdi definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi att amministrattiv u cioe` kull permess, *warrant*, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita`.

Illi f'dan il-kaz l-att amministrattiv illi r-rikorrenti qeghda timpunja hija decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina tal-Universita' ta' Malta *(Examinations Disciplinary Board)* tal-imsemmija data li effettivament qaghdet fuq ir-rapport tal-Bord ta' Dixxiplina tal-Fakulta` tal-Edukazzjoni. Jirrizulta li din id-decizjoni ma jistax jinghad li sehhet bil-ghan ta' organizzazzjoni jew aministrazzjoni interna fl-Universita`. Pero` sabiex din il-Qorti tiddeciedi jekk din id-decizjoni tikkostitwix eghmil amministrattiv jew le, trid l-ewwel tara jekk dan l-att sarx minn awtorita` pubblika jew le. Dan il-punt fil-fatt, ittella' bhala t-tielet eccezzjoni preliminari mill-intimati u ghalhekk sabiex il-Qorti tiddeciedi fuq it-tielet eccezzjoni ser tghaddi biex titratta din it-tielet eccezjoni.

Illi kif inghad l-intimati qeghdin jeccepixxu illi t-talbiet attrici huma insostenibbli u ma jistax jigi invokat l-**artikolu 469 A tal-Kap. 12** peress illi d-decizjoni ma ttehditx minn awtorita` pubblika ghall-finijiet ta' dan l-istess artikolu.

Illi inghad f'dan ir-rigward, li l-**artikolu 469A** jipprovdi definizzjoni ta' 'awtorita` pubblika' li tikkomprendi: *"…il-Gvern ta' Malta, maghdudin il-Ministeri u dipartimenti tieghu, awtoritajiet lokali u kull korp maghqud kostitwit permezz ta' ligi".*

Illi l-Universita` ta' Malta fil-fatt hija korp mwaqqaf permezz tat-**Taqsima VII tal- Kap. 327 tal-Ligijiet ta' Malta**. Ghalhekk din il-Qorti thoss li kull decizjoni mehuda jew att li jsir mill-Universita` ta' Malta tikkostitwixxi att minn awtorita` pubblika ghall-finijiet ta' l-**artikolu 469 A**. Minn

dan kollu jsegwi, fid-dawl tat-tieni eccezzjoni mressqa, li d-decizjoni mehuda fit-15 ta’ Lulju 2008 tikkostitwixxi ghemil amministrattiv ghall-finijiet tal-istess artikolu hawn indikat. (**“Dr. Emanuel Borda vs Profs. Roger Ellul Micallef noe”** (A.C. – 29 ta’ Mejju 2009); u “**Denise Buttigieg vs Rettur ta’ l-Universita` ta’ Malta”** (P.A. (N.C.) – 22 ta’ Dicembru 2003)). Ghalhekk it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet huma meqjusa bhala nfondati u ghalhekk michuda.

Illi permezz tar-raba’ eccezzjoni, l-intimati jeccepixxu illi t-tieni talba tar-rikorrenti tezorbita r-regoli tal-gustizzja naturali kkontemplati fl-**artikolu 469 A.** Isostnu illi n-natura tat-talba hija wahda ta’ natura kostituzzjonali u ghalhekk m’ghandhiex tintlaqa’ f’din is-sede.

Illi dwar dan jirrizulta li bit-tieni talba tar-rikorrenti hija qeghda titlob illi tigi aggudikata mill-gdid billi jigi kkostitwit bord imparzjali u indipendenti. Skont l-intimati, din it-talba tmur *oltre* rikjesta ta’ stharrig amministrattiv peress illi din it-talba tmur *oltre* l-principju ta’ l-*audi alteram partem* u n-*nemo iudex in causa propria*. Din il-Qorti ma tikkondividix din il-fehma peress illi t-talba tar-rikorrenti hija proprju in linea mal-principji tal-gustizzja naturali.

Illi jidher car, *ex admissis*, illi r-rikorrenti qatt ma giet mressqa quddiem il-Bord ta’ Dixxiplina tal-Universita’ ta’ Malta *(Examinations Disciplinary Board)* li huwa l-unika Bord kostitwit mill-ligi kif jinghad iktar il-fuq u ukoll li dan il-Bord ha d-decizjoni tieghu fuq rakkomandazzjoni illi saritlu mill-*Faculty Assessment Disciplinary Board* (affidavit ta’ Dr. Valerie Sollars, Dean tal-Fakulta` tal-Edukazzjoni – Dok. “UOM3” a fol 18 u Dok. “VS2 a fol. 19 u x-xhieda kollha prodotta, nkluz id-Dok. “A” u ix-xhieda tal-Professur Alfred Vella, Chairman tal-istess *Examination Disciplinary Board*). Jirrizulta car illi f’din l-istess laqgha tal-15 ta’ Lulju 2009, ir-rikorrenti lanqas biss giet imsejjha biex tattendi u wisq inqas ma inghatat l-opportunita` illi tressaq il-kaz taghha quddiem dan il-Bord u dan ukoll ghaliex fl-ebda stadju ma gew osservati r-Regolamenti dwar il-Kondotta fl-Ezamijiet citati mill-intimati stess u fuq indikati bhala l-Avviz Legali 171 tal-1997.

Illi fil-fatt huwa ppruvat b'mod mill-iktar konkret li r-rikorrenti qatt ma inghatat l-opportunita` illi tressaq il-kaz taghha quddiem il-Bord ta' Dixxiplina ta' l-Universita`, tant li qatt ma kienet informata li dan kellu laqgha sabiex jiddiskuti l-kaz taghha, tant li lanqas qatt ma ntalbet tidher quddiemu u dan kif jidher car mill-atti processwali kollha mhux l-inqas minn Dok. "A" stess fejn dan jghid car u tond li l-istess Bord kompost mill-ligi mexa esklussivament fuq rakkomandazzjoni illi saritlu mill-*Faculty Assessment Disciplinary Board,* Bord li ma huwiex lanqas mahluq jew b'xi mod rikonoxxut mill-Ligi. Ghalhekk certament ma jistax jinghad illi gie rispettat il-principju ta' *fair hearing* u *equality of arms* quddiem dan il-Bord ta' Dixxiplina tal-Universita' ta' Malta *(Examinations Disciplinary Board),* liema principji huma wkoll indikati anke fir-**regolament 7 ta' l-Regolament tal-Kondotta fl-Ezamijiet.**

Illi recentement gie wkoll zviluppat il-principju illi tinghata raguni ghad-decizjoni. Ara f'dan is-sens, J**oseph Debono vs Phonica Systems Limited** (A.C. (Inferjuri) – 19 ta' Mejju 2004); **Alfred Sant vs Kummissarju tat-Taxxi Interni** (A.C. – 4 ta' Marzu 1992). Certament illi l-ittra mibghuta lir-rikorrenti fil-21 ta' Lulju 2008 (Dok. "B") ma tistax titqies bhala wahda motivata u ghalhekk zgur illi ma tistax tiqies in linea mal-principji hawn imsemmija.

Illi f'dan is-sens irid jinghad ukoll illi d-difiza ta' l-intimati hija bbazzata primarjament fuq il-fatt illi huwa minnu illi r-rikorrenti ssottomettiet xoghol ikkuppjat u ghalhekk il-Bord ta' Dixxiplina tal-Universita' ta' Malta *(Examinations Disciplinary Board)* kien korrett illi jsibha hatja ta' plagjerizmu. Fin-nota ta' osservazzjonijet taghhom fil-fatt, l-intimati jikkummentaw illi r-rikorrenti naqset milli ttellgha provi f'dan is-sens. Tali kummenti huwa ghal kollox infondati u hija korretta r-rikorrenti illi f'din is-sede ma dahlitx fil-mertu dwar jekk hija kkommettitx dak allegat jew le. Huwa risaput u pacifiku fil-gurisprudenza lokali illi f'kawza ta' din l-indoli, il-Qorti ghandha d-dmir u l-poter illi tistharreg jekk id-diskrezzjoni ta' l-awtorita` gietx amministrata fil-parametri tal-ligi izda din il-Qorti bl-ebda mod m'ghandha tissostwixxi d-diskrezzjoni ta' dik l-

awtorita` illi tkun wettqet l-att. Sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti tal-Appell diga` citata iktar ‘il fuq fl-ismijiet **“Dr. Emanuel Borda vs Profs. Roger Ellul Micallef nomine”** (A.C. – 29 ta’ Mejju 2009) fil-fatt trattat proprju dan il-punt. Tal-istess portata huma d-decizjonijiet **“Farrugia vs. Kummissjoni Elettorali”**, deciza minn din il-Qorti fit-18 ta’ Ottubru, 1996), “**Borg noe. vs. Gvernatur tal-Bank Centrali ta’ Malta”** (A.C. - 9 ta’ Marzu 2007); u “**Emanuel Zahra vs. Malta Maritime Authority”** (A.I.C. (PS) - 10 ta’ Jannar 2007). Illi ghar-ragunijiet hawn imsemmi, din il-Qorti thoss illi l-ewwel zewg talbiet attrici huma gustifikati.

Illi barra minn dan, ir-rikorrenti qeghda titlob illi jigu llikwidati d-danni minnha sofferti. Fil-fatt l-**artikolu 469A (5) tal-Kap. 12** jikkontempla l-possibilita` illi l-attrici taghmel talba ghall-hlas ta’ danni li tkun imsejsa fuq ir-responsabilita` allegata ta’ l-awtorita` pubblika li tkun ghamlet delitt jew kwazi delitt li johrog mill-att amministrattiv.

Illi d-dispost hawn imsemmi pero` jillimita d-diskrezzjoni tal-Qorti in kwantu jimponi kriterji illi biss jekk dawn jigu sodisfatti tista’ l-Qorti tordna l-hlas ta’ danni. Fil-fatt il-ligi tipprovdi illi d-danni m’ghandhomx jinghataw jekk minkejja l-annullament ta’ l-att amministrattiv l-awtorita` pubblika ma tkunx agixxiet in *mala fede* jew b’mod mhux ragjonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setghet legalment u ragonevolment giet michuda taht kull setgha ohra. Illi ghalhekk il-Qorti f’kaz illi tannulla l-att amministrattiv, jehtieg imbaghad tikkunsidra jekk l-elementi kkontemplati fil-ligi hawn imsemmija jissussistux jew le.

Illi in kwantu ghal ezistenza jew le ta’ *malafede* da parti tal-Bord, irid jinghad illi mill-provi mressqa ma jirrizultawx illi d-decizjoni giet mehuda b’ *malafede.* Jidher illi fil-fatt, il-Bord offra l-possibilita` lir-rikorrenti illi terga’ tissottometti l-*assignments* mill-gdid kif ukoll terga’ taghmel ezami fis-sajf u dan sabiex tkun tista’ tiggradwa f’dik l-istess sena. Dan l-agir jmur manifestament kontra kull tezi illi seta’ kien hemm agir ta’ *malafede* min-naha tal-Bord.

Illi in kwantu ghar-ragonevolezza jew le fit-tehid tad-decizjoni, il-Qorti, f'dan is-sens, taghmel referenza ghas-sentenza **"Denise Buttigieg vs Rettur ta' l-Universita` ta' Malta et"** (P.A. (N.C.) – 22 ta' Dicembru 2003)) li ghamlet kunsiderazzjonijiet approfonditi proprju fuq dan il-punt u rriteniet illi:-

*"F'dan ir-rigward huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet guridici bazati fuq insenjament anki tal-Qrati Inglizi. Illi fis-sentenza Neg.Ugo Pace vs Prof.Joseph Anastasi Pace noe din il-Qorti, diversament presjeduta, ghamlet referenza ghall-kawza Giorgio Demarco et noe vs James Turner ne et fejn gie ntravvedut ir-rekwizit tar-"reasonable exercise". "It-tests" ta' "unreasonableness" fl-esercizju ta' poteri simili gew enuncjati fil-kawza Kruse vs Johnson 1898 b' dan il-mod: "If they are manifestly unjust"; "if they disclosed bad faith"; if they could find no justification in the minds of reasonable men".*

Illi dwar s-sindikabbilita' tal-poter esekuttiv diskrezzjonali mill-Qrati Inglizi, l-awtur **HWR Wade**, fil-ktieb tieghu **Administrative Law,** jikkummenta hekk:-

*"A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably."[Lord Wrenbury].*

Illi f' dan l-istadju tqum il-kwistjoni dwar il-grad ossia l-*"legal standard of reasonableness"* mehtieg biex jigi soddisfat dan ir-rekwizit, ghax kif jikkummenta l-istess awtur *"Virtually all administrative decisions are rational in the sense that they are for intelligible reasons, but the question then is whether they measure up to the legal standard of reasonableness"* Id-definizzjoni ta' dan il-parametru huwa essenzjali ghax "*within the bounds of legal reasonableness is the area in which the deciding*

*authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires.”*

Illi gie ritenut ukoll illi sabiex decizjoni titqies ragonevoli jehtieg illi tkun bbazata fuq kriterji oggettivi u mgharrfa u hawn issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **“Carmelo sive Charles Dingli et vs. Kontrollur tad-Dwana et”** (A.C. - 27 ta’ Marzu, 2009).

Illi fil-kaz in ezami, in vista tan-nuqqas ta’ formalita` illi tmexxa l-Bord ta’ Dixxiplina tal-Universita’ ta’ Malta (Examinations Disciplinary Board) li lanqas biss sejjah lir-rikorrenti biex tidher quddiemu u lanqas sema’ lill-istess u lanqas biss osserva r-regolamenti tal-ligi stess li kkostitwietu, u n-nuqqasijiet riskontrati mill-Bord l-iehor imsejjah il-*Faculty Assessment Disciplinary Board*, li lanqas biss huwa rikonoxxut u.jew mahluq mill-ligi, b’mod illi r-rikorrenti quddiem l-istess Bord lanqas biss kienet taf ghalxiex ezattament qeghda tissejjah, u lanqas biss giet informata bl-akkuzi li kienu qed isiru fil-konfront taghha, din il-Qorti ma hijiex moralment sodisfatta illi d-decizjoni mehuda mill-Bord ta’ Dixxiplina tal-Universita’ ta’ Malta *(Examinations Disciplinary Board)* u li qaghdet fuq id-decizjoni tal-Faculty Assessment Disciplinary Board, kif mehuda ghandha titqies bhala wahda li ttiehdet b’mod ragonevoli u dan anke fid-dawl tan-nuqqas ta’ opportunita` illi inghatat r-rikorrenti li tiddefendi l-kaz taghha. Ghalhekk ma jistax jinghad illi d-decizjoni kienet wahda oggettiva u mgharrfa.

Illi fid-dawl ta’ dan kollu jrid jinghad illi fejn il-Qorti fil-kuntest ta’ stharrig amministrattiv issib illi effettivament l-awtorita` pubblika hija responsabbli ghad-dannu soffert mill-individwu, f’tali kaz iridu jigu applikati l-principji generali tad-danni u d-disposti tal-Kodici Civili. Ghalhekk ukoll ghandu japplika wkoll il-principju li d-danni jridu jigu ppruvati u li ghandhom jkunu konsistenti f’danni materjali u jkun hemm ness ta’ kazwalita’ bejn l-istess danni allegati u l-azzjoni li kkawzat l-istess.

Illi dan apparti li hemm il-principju ta’ l-imminizzar ta’ danni (ara **“Pace Frank vs Kummissarju ta’ l-Artijiet** (P.A.

(J.F.) – 19 ta’ Novembru 2001; **Henry Calleja vs Kummissarju ta’ l-Artijiet** (P.A. (J.R.M) – 26 ta’ Marzu 2009) u **Joseph Muscat et vs Chairman ta’ l-Awtorita tad-Djar** (P.A. (P.S.) – 16 ta’ Jannar 2009). Illi din il-Qorti ghal kull effett u fini tal-ligi tinnota li r-rikorrenti inghatat l-opportunita` terga` taghmel it-tliet *assignments* flimkien ma’ l-ezami finali, liema offerta ma gietx milqugha mir-rikorrenti u dan ghar-ragunijiet minnha ndikati u partikolarment in vista’ tal-pretensjonijiet taghha vantati proprju f’din il-kawza.

Illi f’dan il-kaz din il-Qorti thoss li l-istess rikorrenti naqset li ggib xi prova f’dan l-istadju dwar l-ammont ta’ danni sofferti u ghalhekk din it-talba fuq l-istat ta’ provi prodotti ma tistax tigi milqugha. Ghalhekk it-tielet u r-raba’ talba qeghdin jigu michuda minhabba nuqqas ta’ kull element ta’ prova dwar l-istess.

## III.  KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-intimati kollha hlief ghall-intimat Professur Juanito Camilleri fil-kapacita` tieghu ta’ Rettur tal-Universita ta’ Malta b’dan li  tillibera lill-intimati l-ohra mill-osservanza tal-gudizzju, u fil-waqt li tichad l-eccezzjoniet l-ohra tal-intimat Professur Juanito Camilleri fil-kapacita` tieghu ta’ Rettur tal-Universita ta’ Malta **u fil-waqt li tichad it-tielet u r-raba’ talba attrici, tilqa’ t-talbiet l-ohra attrici biss fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

**(1)** Thassar u tannulla d-decizjoni tal-15 ta’ Lulju 2008 tal-Bord tad-Dixxiplina tal-Universita` ta’ Malta u l-Bord tad-Dixxiplina tal-Fakulta` tal-Edukazzjoni li permezz taghha gie deciz illi r-rikorrenti kkommettiet plagjarizmu  u li permezz tad-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina ta’ l-Universita` ta’ Malta giet immultata hamsin ewro (€50.00) u dan peress illi l-istess decizjonijiet inghataw bi ksur ta’ l-

**artikolu 469A (1) (b) (ii) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u bi ksur tar-**Regolament 7 tar-Regolament tal-Kondotta fl-Ezamijiet** taht **Kap. 327 tal-Ligijiet ta' Malta**;

**(2)** Tiddikjara li gew lesi d-drittijiet tal-imsemmija rikorrenti *ai termini* tal-**artikolu 469A (1) (b) (ii) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u tal-**artikolu numru 7** tal-***bye-law*** **rigward ir-Regolamenti tal-Kondotta fl-Ezamijiet,** u tordna li r-rikorrenti ghandha tinghata l-opportunita` da parti tal-intimat fil-kwalita' tieghu premessa bhala Rettur tal-Universita' li hija tigi aggudikata kif inhu xieraq, gust, u legali skont ix-xoghol li hija pprezentat lid-Dipartiment tal-Psikologija senjatament ghal dak li jirrigwarda l-kontribut taghha fl-*assignment* bl-isem ta' '*Symposia in Psychology'* (PSY 3631), billi jigi kkostitwit Bord indipendenti u imparzjali skont il-ligi u *ai termini* tal-Ligi, li jisma' b'gustizzja l-posizzjoni tar-rikorrenti u li jtiha bi dritt ic-cans li tiddefendi ruhha u tevalwa bir-reqqa l-oggett li fuqu qed tigi akkuzata permezz ukoll tal-assistent legali taghha u ttella' x-xhieda mehtiega li johorgu fid-dawl tal-proceduri l-verita` ta' dak li fuqu qed tigi akkuzata, u dan kollu, fi zmien qasir u perentorju ta' tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ir-Rettur ta' l-Universita` hlief ghal dawk l-ispejjez rigwardanti l-intimati l-ohra illi qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, liema spejjez ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------